MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta ta' l-14 ta' Settembru, 2011

Numru. 619/2010

**Il-Pulizija**
**(Spettur Joseph Agius)**

**Vs**
**CHRISTOPHER RUSSEL, iben Pamela Russel u missier mhux maghruf imwieled l-Ingilterra fl-1 ta' April 1983 detentur tal-karta ta'l-identita numru 22715(A) u residenti numru 38, Triq Mikiel Ang Sapiano, Luqa.**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Christopher Russel li gie akkuzat:

1. Talli fil-11 ta' Novembru 2007 ghal habta ta' 20:15hrs gewwa u hdejn ic-Cherries Bar f'Birzebbugia, attakka jew ghamel resistenza bi vjolenza jew b'hebb ta' xorta li ma

titqiesx vjolenza pubblika, kontra persuni inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku, filwaqt li kienu qed jagixxu ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta’ ordni moghtija skond il-ligi mill-awtortita’ kompetenti u ghamiltu griehi ta’ natura hafifa fuq il-persuni ta’ PC695 Brian Seychell u PC47 Chris Frendo kif iccertifikat Dr, Tracy Lee Azzopardi M.D ta’ SLH.

2. U aktar talli fl-istess hin, lok u cirkostanzi volontarjament kiser il-bon ordni jew il-kwiet pubblika b’ghajjat, glied u dagha fil-pubbliku.

3. Akkuzat aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ma obdiex l-ordnijiet legittimi tal-pulizija bi ksur ta’l-artikolu 338(ee) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti kollha ta’ dana il-procediment;

Rat l-kunsens ta’l-Avukat Generali tat-12 ta’ Novembru 2007 sabiex dana il-kaz jigi trattat u deciz bil-procedura sommarja minn dina l-Qorti;

Semghet il-provi;

Semghet trattazzjoni;

Ikkunsidrat,

Illi l-imputat jinsab akkuzat b’mod ewlieni bir-reati konnessi mal-ingurji u vjolenza kontra ufficjali pubblici u precisament bir-reat ikkontemplat fl-artikoli 96 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta. L-ufficjali pubblici involuti f’dana l-incident huma l-PC695 Brian Seychell u il-PC47 Chris Frendo.

Illi f’dana l-iskontru ma’ l-ufficjali tal-pulizija kien hemm involut ukoll Oliver Demicoli li kien ko-akkuzat ma’l-imputat f’dawn il-proceduri, izda li fil-mori tal-kawza l-istess Oliver Demicoli miet u kwindi l-proceduri penali fil-

konfront tieghu gew dikjarati ezawriti minhabba li gie nieqes.

Jidher illi fil-lejla in kwistjoni l-imputat u Oliver Demicoli kienu qeghdin jiddevertu gewwa ic-Cherry Tree Bar f'Birzebbugia meta huma gew f'kolluzjoni ma' tnejn minn nies ohra certu John Schembri u Elaine Cutajar u dana wara li allegatament l-imputat beda jimmolesta lill-istess Elaine Cutajar. Hawnhekk intervjenew il-pulizija li kien hemm fil-post u cioe' PC695 u PC589. Minn hawn jidher illi inqala' argument bejn Oliver Demicoli u il-PC695. Jidher li bejn dawn it-tnejn kien hemm certu animosita u kwindi Demicoli ma riedx lil dan il-kuntisabbli tal-pulizija jindahal f'dina l-kwistjoni. Jidher illi kellhom jintervejnu ufficjali tal-pulizija ohra u cioe' PS829 u il-PC583 sabiex jikkalmaw is-sitwazzjoni. Mix-xhieda tal-uffijcali tal-pulizija jirrizulta illi ghalkemm Christopher Russell kien inizjalment involut fl-argument u f'dina il-glieda, madanakollu meta imwissi mill-pulizija biex jiddezisti huwa obda l-ordnijiet moghtija lilu u hareg 'il barra mill-bar bil-kwiet. Mhux l-istess jista' jinghad ghal Oliver Demicoli li sahansitra spicca ta daqqa ta' ponn lil zewg ufficjali u cioe' lil PC47 kif ukoll lil PC695 u ikkagunalhom xi griehi.

Ikkunsidrat,

L-artikolu 96, li ghandu bhala vittma, l-ufficjal pubbliku, jikkontempla tlett elementi essenzjali ghal kostituzzjoni ta' dana ir-reat:

1. Fl-ewwel lok, irid ikun hemm l-attakk jew resistenza. Illi ikun hemm biss disubbidjenza tal-ligi jew ta' ordni moghtija minn xi awtorita' ghalhekk mhux sufficjenti ghal kummissjoni ta' dana ir-reat. Il-Professur Mamo fin-noti tieghu ighid: "***It is only when the insubordination or defiance goes so far as to obstruct the execution of the law or of lawful orders of the competent authority that the crime of attack or resistance can arise. The purpose of the agent in this crime, therefore, must be precisely that of obstructing or frustrating the execution of the law or the lawful orders of the competent authority, by opposing the action of those***

***charged therewith.*"** Fin-nuqqas ta' dana jista' jissussiti biss ir-reat ikkontemplat fl-artikolu 95 biss.

Inoltre l-attakk jew resistenza trid tkun necessarjament akkompjanta bl-uzu tal-forza, vjolenza jew bil-hebb. Ghalhekk insulti jew theddid qatt ma jistghu jwasslu ghal htija taht dina id-disposizzjoni tal-ligi.

2. Fit-tieni lok ir-reat irrid jigi komess fil-konfront ta'ufficjal pubbliku jew kif tghid testwalment il-ligi **"persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku".**

3. Fl-ahharnett huwa necessarju illi l-attakk jew resistenza kontra l-ufficjal pubbliku jrid isir filwaqt illi huwa ikun qieghed jagixxi ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghtija skond il-ligi minn awtorita' kompetenti. Il-Mamo ikompli ighid: **"*Therefore, any violence committed after the law or the order has already been executed, even though it may be on account of such execution, would not give rise to this crime*."**

F'sentenza Il-Pulizija vs Joseph Zahra deciza mill-Qorti ta'l-Appell Kriminali fid-9 Settembru 2002 gie deciz:

**"*Dana l-artikolu*** (b'referenza ghall-artikolu 96) ***jirrikjedi mhux biss li l-vittma tkun persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku" (l-istess bhalma jirrikjedi l-Artikolu 95(1)), izda wkoll li r-reat ikun sar filwaqt li dik il-persuna hekk inkarigata minn dak is-servizz pubbliku "tkun qed tagixxi ghall-ezekuzzjoni tal-ligi jew ta' xi ordni moghti skond il-ligi minn xi awtorita` kompetenti". Din l-espressjoni hi differenti minn dik uzata fl-Artikolu 95(1) – "waqt li jkun jaghmel jew minhabba li jkun ghamel dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dan is-servizz*".**

Ikkunsidrat,

Illi l-Qorti ghalhekk trid tikkunsidra x'kienu l-azzjonijiet ta'l-imputat f'dina il-kolluzzjoni mal-pulizija.

1. Il-PC1516 Vince Cutajar fil-jum ta' dana l-incident kien dettaljat mad-Drug Squad gewwa il-bar in kwistjoni u kien libes pajzan, izda ighid li identifika ruhu bhala pulizija. Meta dana wasal fuq il-post il-glieda kienet diga bdiet fejn kienu involuti il-PC695 u il-PC589. Flimkien maghhom kien hemm il-PS827 u il-PC583. Ighid illi lill-imputat huwa nehhieh minn fuq il-pulizija. Irnexxielu jikkontrollah u l-imputat ikkopera mieghu u irnexxielu johorgu 'il barra mill-bar. Minn hawn 'il quddiem l-imputat ma regax involva ruhu fil-konfrontazzjoni mal-pulizija. Dana ix-xhud ighid: "F'dan il-hin jiena bqajt inzomm lil Chris Russel li f'dak il-mument u cioe' minn x'hin iltaqa' mieghi, huwa baqa' dejjem kalm." Ighid illi id-daqqiet ta' ponn lil PC47 u lil PC695 kien Demicoli li xejjirhom.[1]

2. Il-PS827 Edward Grech li kien stazzjonat l-ghassa ta' Birzebbugia mar jassisti lill-pulizija wara li gie infurmat li kienet ghaddejja il-glieda. Ighid li x'hin wasal fuq il-post l-imputat u Demicoli kienu qed jargumentaw ma' Schembri u Cutajar u qalilhom biex johorgu 'il barra u huma obdewh, izda f'dana il-mument wasal il-PC695 u hawnhekk Demicoli beda jiggieled mieghu peress illi meta Demicoli oggezzjona ghal presenza tieghu il-PC695 xortawahda iddecieda li jibqa' hdejhom. Hawnhekk jidher illi l-1516 hareg lil Russel 'il barra, u hu hareg lil Demicoli izda kif harrgu barra, Demicoli ried jistenna lil huh, izda rega avvicinhom il-PC695 u dawn regghu bdew jargumentaw. Danx x-xhud fl-ebda hin ma ighid illi ra lil-imputat f'xi konfrontazzjoni mal-pulizija kif ighid ix-xhud precedenti. Isostni bhal PC1516 illi kien Demicoli li refa idejh fuq il-pulizija u li Russel dejjem ikkopera maghhom.[2]

3. Il-PC695 Brian Seychell ukoll jikkonferma illi inqala' argument bejn l-imputat, Oliver Demicoli u tnejn minn nies ohra u li kien is-surgent 827 li intervjena bejniethom, izda ighid illi f'hin minnhom Demicoli beda joffendieh minhabba xi animosita precedenti li kien hemm bejniethom. Ghalhekk fuq struzzjonijiet tas-surgent huwa kien hiereg sejjer lura lejn l-ghassa, izda Demicoli hebb ghalih

[1] Ara xhieda ta' PC1516 Vince Cutajar a fols. 41 sa 43
[2] Ara xhieda tal-PS827 Edward Grech a fols. 44 sa 48

b'flixkun. Dana gie mehud minn idejn Demicoli minn xi pulizija izda ighid illi f'hin minnhom qabbzu fuqu Demicoli u l-imputat u qattghulu il-flokk tas-servizz. Ighid illi dawn gew mizmuma mill-pulizija, izda wara ftit Demicoli rega' hebb ghalih u tah daqqa ta' ponn fejn huwa sofra xi griehi.[3]

4. IL-PC589 Etienne Grima li kien xoghol gewwa ic-Cherry Tree Bar jikkonferma ukoll illi inqala' argument fil-bar u gew jassistu l-PS827 u il-PC583 mill-ghassa ta' B'Bugia li tinsab vicin. Osserva illi l-imputat u Demicoli kienu qed jargumentaw ma' tfajlu u guvni. Ighid illi kif Demicoli lemah lil PC695 ried ihebb ghalih izda gie mizmum mis-surgent 847. Wara dana huwa baqa gewwa filwaqt li l-pulizija harrgu lil dawn in-nies 'il barra izda ighid illi f'hin minnhom lemah lil Demicoli ixejjer daqqa ta' ponn lil PC47 u meta imbaghad hareg barra ighid li ra lil Demicoli ixejjer daqqa ta' ponn lil PC695. Huwa ma isemmiex lil Russel fix-xhieda tieghu hlief meta rah jargumenta fil-bidu ma' tnejn min-nies.[4]

5. Il-PC583 Ivan Grech kien ukoll xoghol gewwa l-ghassa ta' B'BUgia dak in-nhar ta'l-incident u isejjah fuq il-post minhabba l-argument li kien hemm bejn l-imputat, Demicoli u l-koppja Elaine Cutajar u John Schembri. Josserva lill-imputat b'tazza tal-plastic f'idejh izda ighid illi bl-intervent tas-surgent 827 is-sitwazzjoni ikkalmat u harrgu lill-imputat u lil Demicoli 'il barra. Dana ix-xhud isostni illi kif harrgu 'il barra mill-bar beda l-argument bejn Demicoli u il-PC695. Il-PC47 beda ikellem lil Demicoli, izda x-xhud ighid illi hawn observa lil Demicoli ixejjer daqqa ta' ponn lil PC47. Kif harrgu iktar 'il barra lejn il-gate imbaghad Demicoli xejjer daqqa ta' ponn lil PC695 qamet kommozzjoni shiha u ra lil Demicoli jaqa' fl-art. Hawn wasslu il-pulizija mill-iskwadra tal-mobile u is-sitwazzjoni ikkalmat. Fir-rigward ta'l-imputat ix-xhud ighid: "Nghid illi aktar Oliver Demicoli kien involut fil-glieda milli Christopher Russel u nghid illi jiena lil Russel ma rajtu jaghmel xejn."[5]

---

[3] Ara xhieda ta'l-PC695 Brian Seychell a fols.86 sa 89

[4] Ara xhieda ta'l-PC589 Etienne Grech a fols. 101 sa 103.

[5] Ara xhieda tal-PC583 Ivan Grech a fols. 104 sa 106

Illi fl-istqarrija rilaxxjata minnu lill-puliizja kif ukoll fix-xhieda moghtija minnu quddiem il-Qorti, l-imputat jichad kategorikament illi huwa sawwat lil xi pulizija. Jikkonferma illi kien inqala' xi argument minhabba il-fatt illi kien qed ikellem tfajla u stedina tohrog mieghu, izda kien hemm xi guvni li ma hax pjacir b'dan.[6] L-imputat isostni illi kien xi wiehed mill-pulizija li lilu hattfu minn ghonqu u baqa' ibati bl-ugigh ghal madwar tlett gimghat wara l-incident.

Illi ghal xi raguni il-prosekuzzjoni naqqset milli tressaq bhala xhud lil PC47 Christian Frendo li kien wiehed mill-pulizija li sofra griehi f'dana l-incident u li ghalih issir referenza fl-akkuzi migjuba fil-konfront ta'l-imputat. Inoltre lanqas ingiebu bhala xhieda John Schembru u Elaine Cutajar li kienu prezenti u li maghhom inbdiet l-kolluzzjoni ma'l-imputat u Oliver Demicoli.

Illi l-hames pulizija li xehdu kollha jaqblu illi l-imputat fl-ebda hin ma xejjer xi daqqiet fid-direzzjoni tal-pulizija u li kien biss Oliver Demicoli illi ghamel dana u li kien ghalhekk responsabbli ghal griehi li sofrew il-PC47 u il-PC695. Illi ma hemmx dubbju illi l-imputat kien involut f'glieda ma' tnejn minn nies ohra u cioe' John Schembri u Elaine Cutajar, li kif nghad iktar 'il fuq qatt ma tressqu bhala xhieda fil-kawza. Izda hemm kunflitt bejn il-pulizija li xehdu dwar x'kien l-involviment ta' Russel fir-rissa ma' dawn l-ufficjali. Huwa biss il-PC695 li jsostni illi Russel flimkien ma' Demicoli hebbu ghalih u carrtulu il-flokk ta'l-uniformi. Hadd iktar mill-pulizja l-ohra ma isemmu dana il-fatt u lanqas jissemma dana il-fatt fir-rapport tal-pulizija (Dokument EG), ghajr ghal kliem illi l-imputat f'xi hin hebb ghal PC695. Lanqas dana il-flokk imcarrat ma gie esebit fl-atti tal-kawza u lanqas hemm xi akkuza wkoll f'dana is-sens dwar xi hsara volontarja fuq l-uniformi tal-pulizija fil-konfront ta'l-imputat.

Il-pulizija li xehdu kollha jsostnu illi Russel gie moghti ordni sabiex johrog mill-bar u huwa fil-fatt obda dina l-

[6] Ara stqarrija ta'l-imputat Dokument JA7 a fol.63 u 64 u xhieda ta'l-imputat a fol.189 et seq.

ordni. L-ebda wiehed mill-pulizija ma jghid illi l-imputat f'xi hin hebb ghalihom, heddidhom jew ingurjhom bhalma kien qed jaghmel Demicoli, jew inkella li ma obdiex l-ordnijiet moghtija minnhom. Fil-fatt jidher illi l-imputat gie skortat 'il barra mill-bar mill-PC1516 u huwa obdieh minnufih u baqa' hdejh anke meta harrgu barra u l-glieda bejn Demicoli u il-PC695 regghet ghaqdet. Illi fid-dawl ta' dawn ir-risultanzi processwali ghalhekk il-Qorti hija tal-fehma illi l-prosekuzzjoni ma irnexxiliex tipprova sal-grad rikjest mil-ligi fil-kamp penali il-htija ta'l-imputat ghar-rigward ta'l-ewwel u it-tielet akkuza migjuba fil-konfront tieghu minhabba konflitt fil-provi. Anzi jidher illi ghalkemm l-imputat kien involut f'glieda gewwa ic-Cherries Bar f'B'Bugia, madanakollu huwa kien involut biss fi glieda ma' tnejn minn nies li kienu fil-bar u mhux mal-pulizija. Illi l-pulizija intervjenew sabiex jikkalmaw dina il-glieda u huwa obda minnufih l-ordnijiet taghhom u waqaf milli jkompli jiggieled. Jidher illi l-glieda regghet ghaqdet minhabba xi animosita li kien hemm bejn Oliver Demicoli u il-PC695 fejn Demicoli beda joggezzjona ghal presenza ta' dana l-ufficjal tal-pulizija u hawnhekk inqalghet konfrontazzjoni bejn Demicoli u il-pulizija fejn Demicoli hebb ghalihom u ikkaguna xi griehi lil tnejn minnhom u cioe' lil PC47 u il-PC695. Lanqas ma jidher illi l-imputat kien involut fil-kommozzjoni li inqalghet wara fejn Demicoli spicca waqa' fl-art u ukoll sofra xi griehi.

Illi fir-rigward tat-tieni akkuza ta' natura kontravvenzjonali, l-Qorti ser issib htija fil-konfront ta'l-imputat billi huwa kien involut f'glieda f'post pubbliku u ghalhekk certament kiser il-bon ordni u il-paci pubblika ghalkemm ma hemm l-ebda provi fl-atti li jindikaw illi huwa qal xi kliem konsistenti f'dagha.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikolu 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, filwaqt li tillibera lill-imputat mill-ewwel u it-tielet akkuzi, issibu hati tat-tieni akkuza (izda mhux dwar l-akkuza tad-dagha fil-pubbliku) u tikkundannah ihallas ammenda ta' hamsin ewro (€50).

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------